# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 2

23 ta' Lulju 2024

It-tieni (2) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju 2024 fis-2.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Justin Haber | ( JH ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 2.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

2.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 2.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tal-ewwel (1) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

2.2.2. Is-Sindku NH ressaq korrezzjoni fin-numru tal-membri tal-pubbliku li għandha taqra 5.

2.2.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, JP, NH, SSH, JH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 2.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Comune di Macerata fejn stiednu erba' delegati mill-Kunsill sabiex jattendu għall-festeġġjamenti li se jsiru mid-29 sal-31 t'Awwissu 2024. Il-Kunsill qabel li fil-jiem li ġejjin jiddiskuti min ser ikunu l-erba' delegati sabiex il-Kunsill ikun jista' jikkonferma l-attendenza tiegħu.

2.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Malta Bobbin Lace Open Class fejn informaw li l-korsijiet tal-bobbin lace ma kienux ser isiru minħabba xi problemi li kellhom.

2.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-amministratur tal-Gazzetta il-Furjana fejn talab jekk il-Kunsill jaċċettax li jitħallew xi kotba tat-300 sena tal-Furjana biex jinbiegħu mil-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Is-SE ikkjarifika li l-Kunsill mhux ser ikun qiegħed jixtri dawn il-kotba iżda ser ikun biss qed ibiegħhom għan-nom tagħhom.

2.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand id-Department of Public Health Regulation li talbu lill-Kunsill jikkunsidra li l-Port Health Medical Services jingħataw spazju ta' parkeġġ riservat. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma laqax it-talba u qabel li għandu jissuġġerixxi li jitkellmu mal-iSptar Boffa sabiex jingħataw parkeġġ hemmhekk.

2.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Ministeru għall-Enerġija fejn informaw li ġew approvati numru ta' siti biex fihom jiġu installati charging pillars, inkluż tnejn fi Pjazza Emanuel S. Tonna.

2.3.5.1. Is-SE nforma li ġew rifjutati wkoll tliet żoni (Triq Pietro Floriani, Triq John Lopez u Notre Dame Ditch). Il-Kunsill qabel li għandu jitlob li jingħata r-raġunijiet għalfejn ġew rifjutati dawn iż-żoni.

2.3.5.2. Is-SE qal li kienu qed jipproponu wkoll xi żoni ġodda għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel maż-żoni proposti: parkeġġ fi Triq l-Assedju l-Kbir biswit il-grawnd tal-futbol; Triq l-Assedju l-kbir fil-parkeġġ fuq il-librerija; Triq Vincenzo Dimech 'il ġewwa mil-librerija.

2.3.6. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni mingħand kuntrattur għat-tiswija taż-żewġ kameras tas-sigurtà li hemm ħdejn il-Kunvent tal-Kapuċċini, li tammonta għal €1440. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob kwotazzjonijiet oħrajn qabel ma jieħu deċiżjoni.

2.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Ambaxxata tas-Serbja li ressqu talba għal spazju ta' parkeġġ riservat fi Triq John Lopez, maġenb il-Bank of Valletta. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni ġaladarba huma intitolati għall-parkeġġ skont il-linji gwida.

## 2.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL KUNSILLIERA

2.4.1. Il-Viċi Sindku JAE faħħar il-ħasil li sar dal-aħħar jiem. Huwa staqsa jekk hux possibbli li ċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V jingħata ħasla sew ukoll. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-kuntrattur.

2.4.1.1. Il-Kunsillier JH staqsa kemm fadallu l-kuntratt tal-knis u jekk il-kuntrattur qattx ingħata default notice fl-aħħar sena. Is-SE qal li l-kuntratt huwa għal erba' snin u kkonferma li l-kuntrattur kien ingħata default notice.

2.4.1.2. Is-Sindku talab li materji relatati mal-indafa pubblika jiġu diskussi iktar tard matul il-laqgħa peress li l-indafa pubblika kienet qegħda bħala materja fuq l-aġenda.

2.4.2. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li ssir fumigazzjoni fi Triq il-Miratur minħabba li rċieva diversi ilmenti li qed ikun hemm ammont kbir ta' wirdien fit-triq. Il-Kunsilliera SSH qalet li għandha issir ukoll Triq is-Suq minħabba li hemm l-istess problema. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob stima.

2.4.3. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-ftehim li ġie ffirmat rigward il-Fosos u ppropona li dan jerġa' jitqajjem u jiġi rivedut.

2.4.3.1. Is-SE ta spjega ta' kif kienu ġraw l-affarijiet peress li dan l-MoU kien ġie ffirmat fil-leġiżlatura preċedenti.

2.4.3.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-ftehim għandu jerġa' jiġi rivedut u għalhekk qabel li l-materja għandha titniżżel fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss sabiex tkun tista' tiġi diskussa f'iktar dettall.

2.4.4. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm risposta rigward il-manutenzjoni ta' Pjazza Emanuel S. Tonna. Is-SE qal li kien tella' post fuq Facebook u tteggja lil Water Services Corporation, lill-Ministru u lis-Segretarju Parlamentari però sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta.

2.4.4.1. Il-Viċi Sindku JAE qal li Triq Sarria u Pjazza Emanuel S Tonna qegħdin fi stat ħażin u għandhom bżonn attenzjoni immedjata.

2.4.4.2. Is-SE qal li meta l-Kunsill tkellem ma' Infrastructure Malta, kien informat li dik it-triq hija responsabbiltà tal-Kunsill għax mhijiex meqjusa bħala triq arterjali jew distributorja minkejja li jgħaddi t-trasport pubbliku kollu minnha.

2.4.4.3. Is-Sindku NH għamel riferenza għall-asfalt li ngħata mil-Gvern lil toroq li mhumiex arterjali. Is-SE spjega li dawn it-toroq iridu jkunu fuq lista minn qabel u jridu jiġu rrakomandati mill-Kunsill.

2.4.4.4. Is-SE qal li għalissa kien sar soft tarmak bħala soluzzjoni temporanja sakemm issir il-manutenzjoni meħtieġa.

2.4.4.5. Is-Sindku NH għamel riferenza għal Triq Pietro Floriani u qal li din ukoll għandha titniżżel fil-lista ta' toroq li hemm bżonn li jsiru.

2.4.4.6. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet indagat fuq it-tarmak li kien mitfugħ fi Triq Pietro Floriani u qalet li kienet ġabet l-informazzjoni tal-ħin li ġie mitfugħ it-tarmak u għaddiet l-informazzjoni lill-Pulizija iżda sfortunatament, sa dakinhar, kien għadu ma ġie identifikat ħadd.

2.4.5. Il-Kunsilliera SSH fetħet billi rringrazzjat lis-SE u lill-istaff tal-Kunsill għall-organizzazzjoni tajba matul il-kunċert tal-Isle of MTV kif ukoll għax-xogħol li sar matul it-transizzjoni li kien hemm minn kunsill għal ieħor.

2.4.6. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għaż-żona ta' Taħt il-Forka u qalet li dakinhar kienu ġew tat-Tourism Zone u għamlu xi manutenzjoni fuq il-bankijiet u r-railing. Hija qalet li kellha proposta sabiex isir bank ieħor. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

2.4.6.1. Is-Sindku qal li hemm bżonn li jsiru xi bollards sabiex in-nies ma jibqgħux deħlin bil-vetturi. Il-Kunsill qabel.

2.4.6.2. Is-Sindku ppropona wkoll li ssir T-Sign biex tindika li m'hemmx aċċess ħlief għas-servizzi fil-hotels.

2.4.6.3. Is-Sindku qal li kellu suġġeriment biex isir ukoll mobile toilet ieħor. Is-Sindku staqsa jekk il-mobile toilets humiex jitbattlu ta' spiss. Is-SE nforma li dawn jitbattlu u jitnaddfu kuljum.

2.4.6.4. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet ukoll li jinbidlu l-bins taż-żona. Is-SE qal li l-bins t'hemm isfel jieħdu ħsiebhom il-Cleansing Department u għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jinformahom.

2.4.7. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-proposta mressqa mil-Viċi Sindku JAE u ipproponiet li jinħasel ukoll Ġnien Preziosi. Il-Kunsill qabel.

## 2.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati

2.5.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati.

## 2.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti

2.6.1. Is-Sindku NH ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 01/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

2.6.2. Is-Sindku NH staqsa dwar il-kontijiet relatati mad-dwal ta' Triq Sant'Anna, u mal-pagamenti dovuti lir-Reġjun Port. Is-SE spjega x'inhuma dawn il-pagamenti u ma' xiex kienu relatati.

2.6.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

2.6.4. Is-SE ippropona li l-iskeda tibda' tingħalaq jumejn qabel il-laqgħa u dan sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex din tiġi ċċirkolata u nnutata mill-kunsillieri għallinqas ġurnata qabel il-laqgħa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 2.7 Assenjazzjoni ta' karigi oħra

2.7.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi għamel aċċenn għal dak li kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti. Huwa qal li hu jixtieq li tinħareġ lista tal-karigi li tiġi ċirkolata f'kull residenza, li tkun tinkludi wkoll in-numru ta' kuntatt tal-kunsillieri. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

2.7.2. Il-Kunsilliera JP talbet li tingħata dawn il-karigi:

Fondi tal-Unjoni Ewropea
Kultura u Attivitajiet
Infurzar u Ordni Pubblika

2.7.2.1. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera JP jkollha dawn il-karigi.

2.7.3. Is-Sindku NH qal li ser jieħu l-kariga tar-Relazzjonijiet mal-Entitajiet Parastatali u anke l-kariga tal-Finanzi, li hija dovuta bil-liġi. Il-Kunsill qabel.

2.7.4. Is-Sindku NH ħeġġeġ lill-kunsillieri sabiex ikunu proattivi u jieħdu l-inizjattiva li jċemplu huma stess mingħajr ma jiddependu żżejjed fuq l-istaff amministrattiv.

2.7.5. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet kellmet lil xi ħadd mill-Enemalta rigward id-dawl tal-Fosos. Hija qalet li għalkemm is-Sibt kien mixgħul, kienu reġgħu sabu li kien hemm xi ħsara.

2.7.5.1. Is-Sindku NH qal li kien kellem lil Roderick Zammit dwar dan u nformah li xi ħadd kien ħa xokk u għalhekk kienu tfew id-dawl fuq ordni tas-Civil Protection.

## 2.8 PROĠETT TRIQ L-ISQOF MAURO CARUANA

2.8.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi staqsa kemm kien stmat dan il-proġett. Is-SE qal li l-BOQ għat-triq kollha kienet tammonta għal €180,000. Huwa qal li l-fondi allokati minn Transport Malta għall-parti mit-triq kienet ta' €75,000.

2.8.2. Is-Sindku NH qal li hu kien qed jipproponi li dan il-proġett jiġi arkivjat indefinittivament għax jemmen li dawn il-flus jistgħu jintefqu għal affarijiet iktar urġenti bħalma hi s-sejħa għall-offerti biex isir il-piċċ artifiċjali tal-bandli.

2.8.3. Is-SE qal li l-proċess tal-piċċ artifiċjali kien diġà beda. Huwa żied jgħid ukoll li kienet diġà ħarġet is-sejħa għall-offerti għall-proġett ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana u l-kuntratt kien diġà ġie mogħti. Għalhekk wieħed irid jiċċekkja jekk il-kuntratt jistax jiġi tterminat.

2.8.3.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li dan il-proġett, għalkemm approvat fil-leġiżlatura preċedenti, kien ġie approvat b'mod unanimu.

2.8.3.2. Is-Sindku nsista li dan il-Kunsill seta' jibdel id-deċiżjoni ġaladarba kienu għaddew sitt xhur.

2.8.3.3. Il-Kunsilliera SSH qal li tlieta min-nies minn dil-leġiżlatura kienu approvaw dan il-proġett fil-legiżlatura preċedenti. Is-Sindku NH qal li hu ma kien qed jikkritika lill-ħadd iżda la l-kunsill inbidel, dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jerġgħu jiġu riveduti.

2.8.3.4. Is-SE qal li deċiżjoni ta' kunsill tista' tinbidel wara sitt xhur biss hu kien qed jitkellem fuq l-aspett legali relatat mal-proċess tat-tendering.

2.8.3.5. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk il-fondi allokati minn Transport Malta jistgħux jintużaw għal xi proġett ieħor.

2.8.3.6. Is-SE qal li għandu jiċċekkja kemm fuq l-aspett legali kif ukoll fuq jekk il-fondi setgħux jiġu allokati għal proġetti oħrajn.

## 2.9 Piċċ Artifiċjali fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V

2.9.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi qal li huwa imperattiv li jiġi rranġat il-piċċ tal-bandli inkluż il-fencing u li jsir saqaf kif suppost.

2.9.2. Is-SE qal li fil-leġiżlatura preċedenti kien diġà hemm qbil li l-piċċ isir u hemm anke fondi allokati. Huwa kompla billi qal li l-Periti kienu ppreparaw ukoll proposed plans u jonqos biss il-BOQ dettaljata biex ikun jista' jinħareġ it-tender.

2.9.3. Il-Kunsillier JH qal li mhuwiex favur li jerġa' jsir fencing tal-ħadid. Huwa kompla billi qal li l-grawnd irid jinqala' kollu għax fix-Xitwa jidħol l-ilma tax-xita. Huwa staqsa jekk huwiex aċċettat li jkun hemm investituri li jagħmlu x-xogħol huma u li jkun hemm ukoll watchman għassa mal-piċċ.

2.9.3.1. Is-SE qal li wieħed m'għandux jinsa li l-art mhijiex proprjetà tal-Kunsill iżda kienet devoluta u għalhekk hemm kundizzjonijiet li wieħed irid isegwi.

2.9.3.2. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier JH ikellem lill-investituri sabiex jibgħatu proposta formali biex tkun tista' tiġi diskussa mill-Kunsill.

2.9.4. Is-SE qal li hemm fondi allokati mill-UIF Funds biex isir il-piċċ. Huwa spjega kif ix-xogħol fuq il-piċċ kien parti mil-proġett inizjali taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V iżda kien ġie deċiż li jkun temporanjament imwaqqaf biex il-Kunsill ikun jista' jiġi rrimborżat tal-ispejjeż li kien diġà nefaq.

2.9.5. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li ssir rinnovazzjoni liż-żona tal-bandli.

2.9.6. Il-Kunsilliera SSH qajjmet diskussjoni rigward l-għeluq tal-piċċ għaliex dan seta' jaffettwa l-proposta tal-kuntratturi. Hija staqsiet ukoll jekk min ser jinvesti fih hux ser jibda jikrih hu sabiex ikollu qliegħ minnu.

2.9.7. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna l-proposta uffiċjali mingħand il-kuntratturi li semma l-Kunsillier JH.

2.9.8. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li jsir ramel fejn hemm il-grada, minħabba l-boċċi. Il-Viċi Sindku JAE qal li din it-talba kienet diġà saret iżda sfortunatament is-Sovrintendenza tal-

Patrimonju Kulturali kienu oġġezzjonaw minħabba s-sur. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jressaq din il-proposta sabiex jara r-raġunijiet għalfejn din kienet ġiet rifjutata.

2.9.9. Il-Kunsilliera SSH fakkret lis-SE rigward dak il-ħajt u l-fencing ta' ħdejn il-piċċ. Is-SE qal li għandu japplika bis-sistema l-ġdida tal-Public Works sabiex dan isir.

## 2.10 APPARTAMENT RESIDENZJALI MEĦUD MILL-AWTORITÀ TAD-DJAR

2.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għal appartament residenzjali li kien ittieħed mill-Awtorità tad-Djar biex jinżammu l-files fih.

2.10.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li għandha informazzjoni li din is-sitwazzjoni kienet biss għall-ftit xhur għax hemm xi problemi fejn qed jaħdmu. Is-Sindku NH qal li hu kien sema' li s-sitwazzjoni kienet għal tliet snin u mhux ftit xhur.

2.10.3. Is-Sindku NH ippropona li jikteb liċ-Chairman tal-Awtorità tad-Djar sabiex jistaqsi uffiċjalment u bil-miktub, dwar dan l-arranġament kif ukoll dwar il-penthouse li hemm f'Balzunetta li wkoll għadha tinżamm għandhom. Il-Kunsill qabel.

## 2.11 L-INDAFA PUBBLIKA: EDUKAZZJONI U INFURZAR

2.11.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għal-laqgħa li nżammet dakinhar stess mal-LESA fejn huma kienu nformaw li r-responsabbiltà tagħhom hija iktar fuq it-traffiku peress li issa hemm l-ERA.

2.11.2. Huwa qal li hu kien ivverifika mal-liġi u l-liġi tgħid li l-indafa pubblika hija responsabbiltà tal-LESA, ERA, Pulizija u kunsilli lokali. Is-Sindku qal li għalhekk jistenna li l-LESA tagħmel il-parti tagħha. Huwa qal li mill-informazzjoni li tawh huma stess, minn 5806 ċitazzjoni ħarġu biss żewġ ċitazzjonijiet relatati mal-iskart. Huwa qal li dan kien inaċċettabbli u mhuwiex possibbli li nqabdu biss żewġ persuni.

2.11.3. Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill għandu xorta jagħmel kuntatt mal-ERA sabiex issir laqgħa magħhom.

2.11.4. Is-Sindku qal li kien staqsa wkoll dwar kemm jiswew biex il-Kunsill iġib gwardjani lokali pajżana u kien informat li dawn jammonta għal €60 is-siegħa. Huwa qal li kien kuntent jagħmel din l-ispiża dejjem jekk wara ma jkunx hemm l-iskuża li ma nqabad ħadd.

2.11.5. Is-Sindku qal li jixtieq ukoll jiltaqa' mal-Community Police dwar din il-materja. Is-SE spjega li kien hemm biss tliet uffiċjali li riedu jlaħħqu mal-Belt Valletta u mal-Floriana.

2.11.6. Is-Sindku għamel riferenza għal-laqgħa li nżammet mal-kuntrattur tal-ġbir ta' skart, WM Environmental Ltd.

2.11.7. Is-SE spjega fuq fuq il-kuntratt ta' WM Environmental Ltd inkluż li fih hemm ċar li l-Kunsill qed jitlob żewġ ħaddiema u supervisor. Huwa kompla billi qal li jekk dan ma kienx

ċar biżżejjed, il-kuntrattur kellu perjodu li fih seta' jikkjarifika d-diskrepanza iżda dan qatt ma sar.

2.11.8. Ġie diskuss ukoll il-kuntratt ta' contracts manager fejn il-Kunsilliera SSH ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex jivverifika jekk dan il-kuntratt kienx obbligu bil-liġi.

2.11.9. Is-Sindku ta rendikont ta' x'intqal fil-laqgħa li kellu mal-kuntrattur WM Environmental Ltd. lbieraħ.

2.11.10. Is-SE qal li jekk il-kuntrattur għandu xi oġġezzjonijiet u ser jibqa' jinsisti mela allura jista' jmur għand id-Dipartiment tal-Kuntratti u l-kuntratt seta' jiġi xolt u terġa' tinħareġ is-sejħa.

2.11.11. Is-Sindku qal li issa li jaf l-istorja aħjar, ser jerġa' jitlob laqgħa oħra miegħu u talab lill-kunsillieri biex ikunu preżenti.

2.11.12. Is-Sindku kompla billi qal li meta wieħed idur il-kuntratt tal-lum, huwa ferm differenti mil-kuntratti li kienu jinħarġu fis-snin imgħoddija fejn ħafna mit-toroq li mhumiex purament residenzjali illum mhumiex inklużi fil-kuntratt għax qed jitnaddfu minn entitajiet oħra.

**<u>Nota: 15:52 Il-Kunsillier JH talab li jkun skużat.</u>**

2.11.13. Is-SE wera lista' ta' tagħmir li hu mniżżel fil-kuntratt u li l-kuntrattur iddikjara li għandu iżda li sa dakinhar jidher li għad m'għandux. Huwa kompla billi qal li dawn l-affarijiet kienu kkunsidrati fl-evalwazzjoni tal-offerti. Is-SE qal li kulħadd irid jagħmel il-parti tiegħu għax jekk wieħed jimxi sew mal-kuntratt, se jinstabu ħafna nuqqasijiet.

2.11.14. Il-Kunsilliera SSH skużat ruħha li ma setgħetx tattendi l-laqgħa li nżammet dakinhar mal-LESA minħabba raġunijiet personali. Hija kompliet billi qalet li l-iskart qed jinħareġ ukoll minn tal-ħwienet u mhux mir-residenti biss.

2.11.14.1. Is-Sindku qal li l-ġlieda kontra l-ħmieġ tinvolvi mhux biss lir-residenti iżda anke lil tal-ħwienet u lin-nies li jaħdmu fil-lokalità u li jżuruha, apparti l-entitajiet li suppost jaraw li tinżamm l-indafa.

## 2.12 PROBLEMA TAL-ĦAMIEM

2.12.1. Is-Sindku NH fetaħ id-diskussjoni billi għamel riferenza għall-problema tal-ħamiem fil-lokalità.

2.12.2. Il-Kunsilliera JP qalet li suppost kellu jkun hemm eżerċizzju biex inaqqas il-popolazzjoni tal-ħamiem. Hija staqsiet jekk l-eżerċizzju għadux għaddej.

2.12.2.1. Is-SE qal li l-proċess kien qed isir mill-AKL fejn il-ħamiem kien qed jingħalef għalf speċjali kontraċettiv biex il-ħamiem ma jkomplix jipproduċi. Il-problema hija li dan il-proċess kien ser jieħu s-snin u apparti minn hekk, mhuwiex infallibli speċjalment jekk il-ħamiem isib ikel ieħor u għalhekk ma jkunx kostrett jiekol biss dan l-għalf.

2.12.2.2. Il-Kunsill qabel li għandu jindaga mal-Animal Welfare sabiex jara jekk hemmx sistemi alternattivi li qed jiġu adottati fi pjazez kbar forsi anke f'pajjiżi barra minn Malta, u li jkunu adattati għal-lokalità.

2.12.3. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk hemmx għajnuna mill-Gvern Ċentrali għal *spikes* li jitwaħħlu fuq il-gallariji, eċċ.

2.12.3.1. Is-Sindku qal li kellu talba minn resident biex il-Kunsill jissussidjahom.

2.12.3.2. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li l-Kunsill jistaqsi jekk hemmx lok li tinħareġ skema mill-entitajiet speċifikament għal *spikes*. Il-Kunsill qabel.

2.12.4. Is-Sindku staqsa jekk il-Gvern hux jipprova jikkontrolla l-ħamiem hu. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lis-Segretarjat għal din l-informazzjoni.

2.12.5. Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin ser jibda' jidentifika postijiet li għandhom l-aperturi miftuħin u jibda jikkuntattja lis-sidien wieħed wieħed biex jagħlqu l-aperturi fi żmien xahar qabel ma jibdew jitħarrku fuq ksur tal-byelaw tal-lokalità.

2.12.6. Il-Kunsilliera SSH qalet li sfortunatament il-ħamiem ma jbejtux biss fejn hemm l-aperturi miftuħin u li anke jinżlu jieklu mill-boroż tal-iskart organiku.

## 2.13 SOTTO-KUMITATI TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

2.13.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi ssuġġerixxa lill-kunsillieri jaraw jekk jixtiequx joħolqu sotto-kumitati relatati mad-dekasteri tagħhom.

2.13.2. Il-Kunsill qabel li wara li tiġi maqbula lista ta' sotto-kumitati, għandha tinħareġ sejħa għall-pubbliku biex min ikun interessat ikun mitlub javviċina lill-Kunsill.

## 2.14 FORUM GĦAR-RIĠENERAZZJNI TAL-FLORIANA

2.14.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li hu tal-opinjoni li dan il-Forum jerġa' jitwaqqaf taħt il-kappa tal-Kunsill.

2.14.2. Il-Viċi Sindku JAE qal li filwaqt li jemmen li l-forum huwa tajjeb għall-għan bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet u entitajiet oħra, il-proposti għandhom jitressqu bħala kunsill lokali u mhux bħala forum għax il-kunsill huwa l-ogħla entità lokali li teżisti.

2.14.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-forum għar-riġenerazzjoni tal-Floriani għandu jkun wieħed mis-sottokumitat tal-Kunsill.

## 2.15 Assoċjazzjoni Isport Floriana

2.15.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li fuq inizjattiva ta' waħda mil-leġiżlaturi tal-Kunsill kienet twaqqfet l-Assoċjazzjoni Sport Floriana, Huwa qal li l-ftehim kien li s-Sindku jkun ex officio chairperson tal-Assoċjazzjoni. Is-Sindku kompla billi qal li qed jipproponi li l-Kunsill jerġa' jirxoxta din l-Assoċjazzjoni li jidher li maż-żmien kienet waqfet tiffunzjona.

2.15.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi, ikun aħjar jekk l-Assoċjazzjoni Sport Floriani tkun taħt entità oħra u mhux taħt l-Kunsill.

## 2.16 Relazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Port

2.16.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi talab li tiġi spjegata r-relazzjoni li l-Kunsill għandu mal-Kunsill Reġjonali Port.

2.16.2. Is-SE spjega fuq fuq ir-responsabbiltajiet u x-xogħol tal-Kunsill Reġjonali Port.

2.16.3. Is-Sindku qal li l-Kunsill Reġjonali Port qed jassumi responsabbiltajiet kbar. Huwa qal li hemm laqgħa tar-Reġjun fi ftit jiem u li ser ikun qed jattendi għaliha sabiex jiffamiljarizza ruħu aħjar dwar il-ħidma tagħhom.

2.16.4. Is-Sindku qal li hu kien qed jistenna li l-kunsill jieħu li ħaqqu u daqs ħaddieħor. Huwa qal li jixtieq ikun jaf ukoll fuq liema kriterji jitqassmu u jiġu allokati l-fondi lill-kunsilli lokali li jaqgħu taħt ir-reġjun.

## 2.17 TMIEM IL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

2.17.1. Il-laqgħa intemmet fil-16:45 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 12 t'Awwissu 2024 fis-2pm.

**Konfermati, illum it-Tnejn 12 ta' Awwissu 2024**

| | |
|---|---|
| (iffirmat) | (iffirmat) |
| Nigel Holland | Malcolm Agius Muscat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |